PARLAMENT TA' MALTA

# SETTE GIUGNO

# 2025



Il-Belt Valletta
6 ta' Ġunju 2025

**DISKORS FL-OKKAŻJONI TAS-SETTE GIUGNO 2025**

Illum, bħalma nagħmlu kull sena f'din l-okkażjoni, ninġabru flimkien biex nagħtu ġieħ lil dawn ħutna li b'umiltà, bil-kuraġġ u bid-demm tagħhom sawru l-bidu tal-libertà demokratika tagħna. Is-Sette Giugno mhuwiex biss tifkira imma huwa l-ispirtu etern ta' poplu li għażel id-dinjità fuq id-dgħufija, il-ġustizzja fuq l-apatija u t-tama fuq il-biża'.

Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija Malta kienet iffaċċjata bi sfidi kbar. Il-prezz tal-ħobż u tal-ikel kienu għolew b'mod esaġerat, il-qgħad kien mifrux u l-kundizzjonijiet soċjali kienu qed isiru dejjem aktar iebsa. Il-poplu Malti ma kienx jitlob biss għat-tisħiħ tal-kundizzjonijiet materjali tiegħu imma kien qed jitlob ukoll għal xi ħaġa ferm akbar; kien qed jitlob l-awtonomija għas-setgħa li jiggverna ruħu. Minkejja dawn it-talbiet ġusti, ir-risposta mill-awtoritajiet kolonjali kienet waħda ta' reżistenza kontinwa.

F'dawk il-ġranet ta' Ġunju 1919 il-poplu kien għajjien jistenna; xeba', qam u niżel fit-toroq tal-Belt Valletta. Bħala armi l-folla kellha biss il-leħen u l-għaqda. Fis-Sette Giugno ġew attakkati ħwienet li kienu simboli ta' kolonjaliżmu. Tqabbdet il-bandiera Brittanika minn fuq il-ħanut À la Ville de Londres u l-protesti komplew jinfirxu lejn binjiet oħrajn. Il-militar, taħt tensjoni kbira, fetaħ in-nar fuq il-folla u f'dawk il-mumenti nħasdet il-ħajja ta' Manuel Attard, Ġużè Bajada, Wenzu Dyer u Karmenu Abela li spiċċaw midruba u maqtula. Mid-demm tagħhom tnissel il-bidu ta' Malta moderna. Kienu dawk il-mumenti li minnhom inbena stat, mhux ta' supremazija imma ta' poplu li qam għall-ġustizzja.

Minn din it-traġedja twieldet ir-rieda għal governanza demokratika u fl-1921 Malta kisbet il-Kostituzzjoni tas-Self-Government u l-ewwel Assemblea Leġiżlattiva tagħha. Il-mixja lejn l-Indipendenza u lejn ir-Repubblika ma kenitx tista' sseħħ mingħajr dak li seħħ fil-jum tas-Sette Giugno tas-sena 1919 li aħna llum għandna d-dover li nfakkru b'għożża u bis-serjetà li jixraq.

Illum dan il-wirt jgħix fil-Parlament tagħna, il-qalb tad-demokrazija tagħna, il-post fejn il-poplu jitkellem permezz tar-rappreżentanti tiegħu, id-Deputati li jiġu eletti, fejn jitfasslu l-liġijiet għall-ġid ta' kulħadd. F'din il-Leġiżlatura sa issa għaddew 117-il liġi, li 32 minnhom għaddew mis-Sette Giugno tas-sena l-oħra 'l hawn. Il-Kamra ddiskutiet u vvutat fuq numru konsiderevoli ta' mozzjonijiet matul din il-Leġiżlatura. Magħhom iridu jingħaddu wkoll l-għexieren ta' laqgħat tal-kumitati permanenti tal-Parlament, li bħall-abbozzi u l-mozzjonijiet ittrattaw oqsma kruċjali bħad-drittijiet ċivili, l-edukazzjoni, l-ambjent u s-saħħa.

Is-Sedja tat ukoll 67 ruling fuq punti ta' ordni u proċedura biex tiġi mħarsa l-integrità tal-ħidma tal-Kamra u tal-kumitati tagħha, li 21 minnhom ingħataw fl-aħħar tnax-il xahar.

Dan huwa xhieda ta' ħidma kontinwa u serja; mandankollu dan ix-xogħol ma jkun jiswa xejn jekk ma nagħmluhx fid-deher u bi trasparenza assoluta.

Id-demokrazija għandha tkun viżibbli, il-ħidma għandha tkun għall-għajnejn ta' kulħadd. Mindu l-Parlament mexa fil-binja ġdida 10 snin ilu, kull ċittadin jista' jsegwi b'mod dirett is-seduti u l-laqgħat tal-kumitati parlamentari. Għandna niftakru, però, li x-xandir dirett m'għandux irendi l-ħidma parlamentari f'xi mass meeting, m'għandux jintuża bħala teleshopping tal-kandidatura ta' partit jew ieħor, imma għandu jintuża biss biex il-poplu jkun jista' jsegwi l-ħidma onorabbli li ssir f'ismu. Il-Parlament għandu jibqa' l-post fejn ir-rispett u d-dinjità jibqgħu jirrenjaw dejjem. Il-kritika politika hija mhux biss meħtieġa imma wkoll imħeġġa, iżda kull kelma u kull argument għandu jkun mibni fuq ideat u fatti, u mhux fuq

l-individwu. Dan huwa l-ispirtu ta' demokrazija matura u din hija l-vera tifsira ta' titlu li aħna ħafna drabi nisimgħu: "onorevoli". "Onorevoli" mhuwiex biss titlu ċerimonjali jew ta' protokoll, mhuwiex xi fjura li nilbsu waqt xi diskors, imma huwa tiġdid ta' wegħda ta' servizz, ta' impenn għall-verità, ta' dedikazzjoni lejn il-ġid ta' kulħadd u mhux lejn il-konvenjenza ta' xi ħadd.

Bħalma jgħid il-Kodiċi ta' Etika għall-Membri Parlamentari:

> "Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati."

Il-kelma "onorevoli" tfakkarna li kull azzjoni u kull deċiżjoni għandha piż. M'aħniex qegħdin hemm biex ngħollu leħinna imma biex ngħollu l-istatura tal-Parlament bħala simbolu ta' demokrazija b'saħħitha. Din il-kelma m'għandhiex tgħaddi minn widna għal oħra qisu xejn mhu xejn. Għandha tidħol fil-qlub ta' kull wieħed u waħda minna.

Għandha nżommu f'moħħna li servizz pubbliku m'għandux ikun hemm biex jaqdi ambizzjonijiet personali, imma għandu jkun imsejjes dejjem fuq il-qadi tal-poplu Malti.

Is-Sette Giugno jgħallimna li kull ġenerazzjoni għandha responsabilità li tibni fuq il-kuraġġ ta' dawk li ġew qabilha u li tħalli Malta aħjar għal dawk li għad iridu jiġu. Ejjew nieħdu l-wirt tagħna bis-serjetà. Ejjew inkunu aħna li naħdmu favur pajjiż li fih jistgħu jirrenjaw il-ġustizzja u l-għaqda.

Nemmen li l-parti tagħna nistgħu nagħmluha wkoll billi nkomplu nirfinaw il-proċeduri parlamentari u b'hekk il-ħidma tal-Parlament, bil-għan li d-demokrazija f'Malta tkompli dejjem tissaħħaħ.

Kif kelli l-opportunità ngħid diversi drabi f'din l-okkażjoni tal-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno, u kif nerġa' ngħid illum, wasal sew iż-żmien li ċ-ċittadin ikollu dritt għal rimedju meta Membru jabbuża mill-privileġġ parlamentari fil-Parlament fil-konfront tiegħu. Ittrattajt dan il-punt snin ilu, l-ewwel darba proprju fl-2015, meta kont sħaqt li kien wasal iż-żmien għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu fil-proċedura tal-Parlament Malti li jagħti dritt liċ-ċittadin li jkollu dak li nirreferu għalih bħala 'citizen's right of reply'. Nemmen li dan jista' jsir b'emendi fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, u possibbilment ukoll emendi f'xi leġiżlazzjoni oħra. Li hu żgur hu li dan għandu jsir. Sena wara l-oħra dejjem ngħidu u naqblu li huwa importanti li dan jingħata l-attenzjoni iżda sal-lum, sfortunatament, dan id-dritt ta' ċittadin li jitlob rimedju meta fil-Parlament jingħad diskors dwaru li jew ma jkunx veritier jew li għal xi raġuni oħra jkun bi ksur tal-privileġġ parlamentari, għadu ma jeżistix.

Dan għandu jiġi indirizzat mingħajr aktar dewmien. Diġà qegħdin tard wisq.

Nemmen li l-Gruppi Parlamentari tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni għandhom flimkien, fil-proċess illi jirrevedu u jaġġornaw l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, idaħħlu din il-proċedura li hija tant importanti biex id-drittijiet ta' kull persuna jkunu salvagwardjati. Fl-istess ħin nerġa' nisħaq li huwa d-dover ta' kull Membru Parlamentari li jara li l-privileġġ parlamentari jużah bil-galbu, inkluż meta jagħmel allegazzjonijiet fil-konfront ta' persuni jew kumpaniji li jistgħu jkunu suġġetti għal proċeduri legali fil-Qrati tagħna.

Dan japplika wkoll għall-ħidma fil-kumitati parlamentari. Hawn insemmi b'mod partikolari l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Ix-xogħol ta' dan il-Kumitat huwa li jara li l-finanzi tal-pajjiż qegħdin jintużaw b'għaqal u b'serjetà u parti kbira mill-ħidma tiegħu tikkonsisti fis-smigħ ta' xhieda msejħa biex jidhru quddiem il-Kumitat u jwieġbu mistoqsijiet marbuta ma' rapporti mħejjija mill-Awditur Ġenerali fuq diversi oqsma. Il-prassi li daħlet f'dawn l-aħħar snin li jissejħu mhux biss kapijiet ta' entitajiet governattivi li huma reponsabbli għall-infiq tal-Gvern, imma wkoll persuni terzi – li jistgħu jkunu għaddejjin minn proċeduri fil-qrati dwar allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom – xi drabi wasslet sabiex jinqalgħu kwestjonijiet legali u anke kostituzzjonali. Hemm il-linji gwida u hemm ukoll deċiżjonijiet kostituzzjonali fuq dan il-punt, imma żgur li hemm lok għal qabża importanti f'dak li għandu x'jaqsam mat-teħid tax-xhieda quddiem il-Kumitati, billi r-regoli relattivi jidħlu fl-Ordnijiet Permanenti li jorbtu l-proċedura li biha għandu jimxi l-Parlament. Nemmen illi wasal iż-żmien ukoll li jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex kull xhieda li tingħata quddiem kumitat bħalma huwa l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma tkunx tista' tintuża bħala xhieda f'xi tribunal jew fil-Qrati tagħna. Din hija dispożizzjoni li tinsab f'diversi pajjiżi oħrajn tal-Commonwealth, u li permezz tagħha jkunu jistgħu jiġu evitati kwestjonijiet meta jkun hemm dubju dwar jekk xhud quddiem il-kumitat hux suġġett għal xi proċeduri legali fil-qrati. Din id-dispożizzjoni tiżgura wkoll separazzjoni aktar ċara bejn il-poteri tal-qrati u tal-Parlament.

Sitwazzjoni simili hija dik imqajma mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika f'diversi okkażjonijiet, kemm permezz ta' korrispondenza miegħi, kif ukoll f'diversi rapporti dwar investigazzjonijiet mgħoddija lill-Kumitat dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Qiegħed nirreferi għall-fatt illi wasal iż-żmien illi ż-żewġ naħat tal-Kamra, Gvern u Oppożizzjoni, flimkien jaraw x'emendi hemm bżonn li jsiru fl-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u fil-kodiċi tal-etika għall-Membri Parlamentari u għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsabu annessi mal-istess liġi. L-emendi għandhom jirriflettu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD marbuta mad-dikjarazzjoni tal-assi tal-Membri Parlamentari, inkluż il-membri tal-Eżekuttiv, rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti ppreżentati lili bħala Speaker waqt laqgħat li kellna.

Fuq livell internazzjonali l-ħidma tal-Parlament baqgħet għaddejja bla waqfien u ta' dan nirringrazzja lil dawk il-Membri kollha li jieħdu sehem b'mod attiv fl-assembleji parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSCE, fl-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran, fl-Unjoni Inter-Parlamentari, u fl-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth, fost laqgħat inter-parlamentari oħrajn. Inżid li bħala Speaker ġejt elett f'task force *ad hoc* tal-IPU rigward il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Din is-sena stess ħdimna sabiex tkun indirizzata l-problema ta' tfal li baqgħu ma ġewx identifikati mill-ġenituri tagħhom kawża ta' dan il-konflitt.

Insemmi wkoll il-gwerra li għaddejja fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari ġewwa Gaża. Il-Parlament ukoll qiegħed jagħmel il-parti tiegħu sabiex ikun hemm żblokk f'din il-kwestjoni ta' konflitt kontinwu. Sa ftit tal-ġimgħat ilu s-Sedja kellha laqgħa importanti mal-ambaxxaturi kollha li jifformaw parti mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika, tal-Lega Għarbija u tal-Lvant Nofsani, li matulha ddiskutejna l-kriżi umanitarja fil-Gaża u fit-territorji Palestinjani, u wkoll l-importanza li l-United Nations Relief and Works Agency for Palestinian Refugees – organizzazzjoni importanti tan-Nazzjonijiet Magħquda – ma tiġix imxekkla jew imwaqqfa milli tibqa' tiffunzjona f'Gaża u fil-West Bank. Għakemm l-iżblokk jidher li għadu 'l bogħod, ma naqtgħux qalbna.

F'dan il-kuntest, irrid ukoll nesprimi s-sodisfazzjon personali u istituzzjonali għall-fatt li l-Parlament tagħna kellu sehem f'dan il-proċess. Illum nistgħu ngħidu li pajjiżna – b'ġest kbir ta' rikonoxximent lejn il-poplu Palestinjan – ser ikun qed jagħraf uffiċjalment lill-Palestina bħala Stat. Kull kontribut – kemm dak ċkejken kif ukoll dak aktar prominenti – għen biex naslu għal dan il-mument storiku. Dan huwa att li mhux biss juri solidarjetà, imma jirrikonoxxi l-prinċipji universali tal-ġustizzja, id-dinjità umana u l-paċi li rridu naraw imwettqa b'mod konkret fir-reġjun kollu tal-Lvant Nofsani.

F'dan il-kuntest ukoll nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nuri l-apprezzament għall-mod matur li bih il-Gvern u l-Oppożizzjoni ħadmu flimkien ġewwa u barra l-Parlament dwar il-każ li seħħ f'April meta l-vapur Conscience allegatament intlaqat minn drone waqt li kien fi triqtu biex iwassal għajnuna umanitarja lejn Gaża.

Il-ħidma parlamentari fuq livell internazzjonali kompliet ukoll permezz tal-gruppi ta' ħbiberija ma' diversi parlamenti billi lqajna fostna delegazzjonijiet minn diversi parlamenti, inkluż l-aktar waħda riċenti mmexxija mill-Ispeaker tal-Parlament Ungeriż.

Ukoll matul dawn is-sitt xhur tal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Ewropa, li tintemm f'Novembru, il-Parlament tagħna huwa impenjat u attiv ferm b'mod speċjali permezz tal-ħidma tad-delegazzjoni tal-Parlament Malti għall-Assemblea Parlamentari tal-istess Kunsill tal-Ewropa. Bħala Parlament ser inkunu organizzajna diversi laqgħat li jġibu flimkien parlamentari minn madwar il-pajjiżi tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex jiddiskutu temi ta' interess komuni kif ukoll relatati mal-prijoritajiet ta' din il-Presidenza Maltija.

Dan kollu hu ftit mill-ħidma li tkun qiegħda ssir fil-Parlament. Filwaqt illi nirringrazzja lill-Membri Parlamentari kollha għall-kontribut u l-koperazzjoni tagħhom, ma nistax ma nsemmix ukoll il-ħidma li ssir mill-istaff tal-Parlament, staff li għalkemm huwa żgħir fin-numru jagħmel xogħlu b'dedikazzjoni u professjonalità. Żgur li kieku ma kienx hekk, il-Parlament ma jkunx jista' jagħmel dan ix-xogħol kollu.

Filwaqt li fid-dinja tal-lum l-isfida li tattira u  żżomm ir-riżors uman qiegħda dejjem tikber, b'sodisfazzjon ngħid li ftit tal-ġranet ilu kkonkludejna t-tieni Ftehim Kollettiv bejn is-Servizz Parlamentari u l-General Workers' Union bil-għan li nkomplu noffru l-aqwa kundizzjonijiet sabiex il-Parlament jassigura li jkollu l-aqwa riżorsi umani kif jixraq lil din l-ogħla istituzzjoni. Ta' dan nirringrazzja lill-partijiet kollha involuti.

Fl-isfond ta' dan kollu wieħed jifhem li demokrazija parlamentari ħajja titlob li mhux biss nirriflettu fuq dak li għamilna imma aktar importanti minn hekk fuq dak li stajna għamilna aħjar u x'għad irridu nagħmlu biex nibqgħu nsaħħu l-Parlament tagħna bil-għan li mhux biss jintlaħqu l-aspirazzjonijiet ta' dan il-poplu Malti kif inhu xieraq, iżda wkoll li nkomplu nibnu fuq ir-rispett li jgawdi fost parlamenti oħra u organizzazzjonijiet interparlamentari li huwa membru tagħhom.

M'hemmx dubju li dan kollu jeħtieġ il-koperazzjoni u l-impenn tal-Membri Parlamentari kollha. Nieħu l-okkażjoni biex għal darb'oħra nirringrazzjahom tal-koperazzjoni sħiħa tagħhom, inkluż f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn forsi l-ħidma li tkun għaddejja tista' tqanqal emozzjonijiet b'saħħithom.

Nemmen li din il-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno li nagħmlu kull sena biex infakkru u napprezzaw dak li għaddew minnu missirijietna għandha sservi sabiex niċċelebraw il-kisbiet

individwali u kollettivi tagħna, kisbiet li jkomplu jħeġġuna ħalli nkomplu nsaħħu l-Parlament bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż mhux biss għall-ġid ta' pajjiżna llum, imma wkoll għall-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu warajna.

Nirringrazzjakom.